31983R3519

15.12.1983 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 352/2

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3519/83
tat-12 ta' Diċembru 1983
li jippreskrivi ċerti miżuri għal żjut aċidużi mir-raffinar ta' prodotti sekondarji taż-żejt taż-żebbuġa jew żejt tal-fdal taż-żebbuġa

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Billi r-Regolament (KEE) Nru 3172/80 (3), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2551/83 (4), jiddisponi li, sabiex tkun ikkontrollata l-kwalità taż- żejt ippakkettjat minn impjanti approvati, prodotti sekondarji tar-raffinar taż-żejt taż-żebbuġa u żejt tal-fdal taż-żebbuġa magħmula fil-Komunit à għandu jkollhom miżjud magħhom kwantità definita ta' ċerti prodotti li mhumiex taż-żebbuġ;

Billi dawn il-kontrolli fil-preżent ma japplikawx għal żjut aċiduż ġejjin minn prodotti sekondarji ta' żejt taż-żebbuġa u żejt tal-fdal taż-żebbuġa;

Billi dejjem hemm ir-riskju li żjut esterifikati li juru karatteristiċi ta' żejt taż-żebbuġa, magħmula minn dawn iż-żjut aċiduż mir-raffinar, jistgħu, b'mod qarrieqi jintużaw bħala żjut taż-żebbuġa għal konsum tal-bniedem u għalhekk jibbenefikaw minn għajnuna għall-konsum; billi sabiex ma jitħalliex riskju bħal dan żjut aċiduż mir-raffinar għandhom ikunu meqjusa bl-istess mod bħal prodotti sekondarji mir-raffinar,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Żjut aċiduż mir-raffinar ta' prodotti sekondarji ta' żejt taż-żebbuġa jew żejt tal-fdal taż-żebbuġa li jaqgħu taħt is-subintestatura 15.10 Ċ tat-Tariffa Doganali Komuni jistgħu jkunu suġġetti għall-istess trattament bħal prodotti sekondarji ta' żejt taż-żebbuġa jew żejt tal-fdal taż-żebbuġa li jaqgħu taħt is-subintestatura 15.17 B tat-Tariffa Doganali Komuni.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Diċembru 1983.

Għall-Kunsill

Il-President

C. SIMITIS

(1) ĠU Ċ 253, tal-21.9.1983, p. 4.
(2) Opinjoni mogħtija nhar it-18 ta' Novembru 1983 (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(3) ĠU L 331, tad-9.12.1980, p. 27.
(4) ĠU L 252, tat-13.9.1983, p. 8.